**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 126/07**

**Illum: 18 ta' Novembru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**

**vs**

**Mario Fenech**
**(ID 259163(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Fenech ta' 42 sena, iben Alfred u Doris nee` Aquilina, imwieled Sliema fis-7 ta' Mejju 1963 u residenti 'Villa Marbeaux', Triq Patrick Brydone, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 259163(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Lulju 2006 u fil-gimghat ta' qabel din id-data:

1. Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer matul il-hames snin ta' qabel Lulju 2006, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jw xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Lulju 2006, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ezegwew mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-imputat odjern, gewwa r-residenza tieghu ossia 'Villa Marbeaux', Triq Patrick Brydone, San Giljan. Hemmhekk huma sabu pjanta zghira *cannabis* gewwa bitha, li ghaliha kien jinkiseb access mill-kamra tas-sodda u xi weraq suspettat haxixa, f'ammont zghir. Instabet ukoll zerriegha.[1] L-imputat ikkopera mal-pulizija u rrilaxxja stqarrija dakinhar stess. Saret ukoll inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti, Dr. Anthony Vella, li hatar numru ta' esperti sabiex jassistuh f'dan il-kaz.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi nhar it-2 ta' Lulju 2006, l-istess espert acceda gewwa l-fond in kwistjoni, u hemmhekk gie muri mill-Ispettur Nadia Lanzon: i) kontenitur tal-plastik b'ghatu ta' lewn blu b'sustanza ta' lewn kannella, pakkett ta' lewn ahdar ta' *Rizla paper*, *business cards* ta' Fenix Real Estate Ltd. u *rolling machine* ta' lewn isfar[3]; ii) kontenitur iehor tal-plastik ta' lewn isfar li kien fih zerriegha wahda u xi ticpis ta' lewn iswed u ahdar[4] u iii) borza tal-plastik trasparenti li kien fiha hames weraq ta' lewn ahdar[5]. Dawn id-dokumenti gew ilkoll elevati mill-istess espert, fil-presenza tal-imputat odjern.

---

[1] Ara x-xhieda tal-ex Spettur Nadia Lanzon (a fol. 78 sa 80 tal-process); ix-xhieda ta' ex-PC 246 Vincent Cesare (a fol. 81 sa 83 tal-process); ix-xhieda ta' PC 332 Simon Grech (a fol. 84 sa 86 tal-process); ix-xhieda ta' WPC 237 Antonella Vella (a fol. 87 u 88 tal-process).
[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 25 *et seq* tal-process.
[3] Dan id-dokument gie moghti l-Kodici tal-Laboratorju 469_06_01.
[4] Dan id-dokument gie moghti l-Kodici tal-Laboratorju 469_06_02.
[5] Dan id-dokument gie moghti l-Kodici tal-Laboratorju 469_06_03.

Sussegwentement, skont l-istess relazzjoni, l-espert hareg fil-bitha sabiex tigi elevata l-pjanta tal-kannabis[6] u dan ukoll fil-presenza tal-imputat.

Fir-relazzjoni tieghu, l-istess espert jikkonkludi s-segwenti:

a) Il-pjanta kienet it-tip ta' *Cannabis sativa*. It-tul taghha kien ta' 15-il centimetru u l-piz tal-pjanta ossia tal-weraq niexef minghajr iz-zkuk u l-gheruq kien ta' 1.02 grammi.

b) Fuq il-weraq tal-pjanta u fuq il-weraq fid-dokument 496_06_03 (indikat fuq fil-paragrafu iii), instabu *trichomes*, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-kannabis.

c) Il-pjanta li kien hemm fil-fond (f'piz kif inghad ta' 1.02 grammi) u l-weraq fid-dokument 496_06_03 (f'piz ta' 0.31 grammi), f'ammont nett totali ta' 1.33 grammi minghajr gheruq u zkuk, kienu dawk tal-kannabis. Il-pjanta tal-kannabis ikun fiha s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, kif instab fid-dokumenti analizzati 469_06_04 (il-pjanta) u 496_06_03 (il-weraq). Il-purita` ta' *Tetrahydrocannabinol* fil-pjanti u l-weraq kienet ta' cirka 5%.

d) Fuq estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella fid-dokument 496_06_01 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz kien ta' 9.43 grammi. Dan il-piz jinkludi wkoll tabakk li kien imhallat mas-sustanza.

Jirrizulta wkoll illi z-zerriegha indikata izjed 'il fuq fil-paragrafu ii (496_06_02) irrizultat fin-negattiv ghall-presenza tal-kannabis.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-2 ta' Lulju 2006 u ghalhekk fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx tippermetti illi persuna arrestata tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016, fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, gie ritenut hekk:

---

[6] Fir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, din il-pjanta hija deskritta bhala "*pjanta zghira li kienet imwahhla gol-hamrija u li kienet fil-bitha*." Dan id-dokument gie moghti l-Kodici tal-Laboratorju 469_06_04.

"*The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

…

*It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)*".

F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea ikkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**, fejn l-appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata minnu fis-sena 2002, stante illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rreferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

"*... allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-*

*Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 6(3)*[7] *u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*"

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

"*Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta*[8] *fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:*

***"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."***

---

[7] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet Dayanan vs Turkey, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.
[8] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

Fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Cortis**, il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament preseduta, qablet pjenament mas-sentenza appena citata u ghaddiet biex tiskarta l-kontenut tal-istqarrija tal-appellant f'dak il-kaz, rilaxxjata minnu f'Mejju tas-sena 2005 "*u dan fuq il-premessa illi ma kellux il-beneficcju tal-assistenza legali waqt li mizmum taht arrest minkejja li l-ligi vigenti f'dak iz-zmien kienet teskludi l-jedd ghal tali assistenza*".

Dan il-principju gie kkonfermat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fis-27 ta' Ottubru 2016, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eugenio Sultana**.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, la darba l-imputat ma nghatax id-dritt li jottjeni parir legali qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu, il-Qorti qed tqis tali stqarrija bhala priva minn kull valur probatorju u qeghda tiskartaha. Naturalment, dan ghandu japplika wkoll ghal dak kollu li l-imputat qal lill-Ufficjali tal-Pulizija waqt l-investigazzjoni.

Stabbilit dan il-punt u mwarrba l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-Qorti ser tqis il-bqija tal-provi prodotti.

Jirrizulta ampjament u *del resto* lanqas ma huwa kkontestat mid-difiza, illi l-imputat, gewwa r-residenza tieghu, instab fil-pussess ta' pjanta tal-kannabis li kienet imhawwla fil-hamrija fil-bitha tal-istess residenza, weraq tal-pjanta tal-kannabis f'ammont tassew zghir u sustanza ta' lewn kannella li rrizultat fil-posittiv ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Ghalkemm mill-*Pre-Sentencing Report*[9], jirrizulta illi l-imputat allega mal-Ufficjal tal-*Probation* illi persuna vicin tieghu kien talbu sabiex izommlu din il-pjanta zghira tal-kannabis u li huwa kien akkomodah, biss apparti li din baqghet biss allegazzjoni, il-Qorti tinnota wkoll illi din il-pjanta kienet imhawwla fil-hamrija fil-bitha tal-fond, kif jirrizulta wkoll mir-ritratti esebiti minn PC 404 Paul Camilleri flimkien mar-relazzjoni tieghu.[10] In oltre apparti illi nstabet din il-pjanta, instabu wkoll oggetti ohrajn relatati mal-uzu

[9] Dan jinsab esebit a fol. 27 *et seq* tal-process.
[10] Ara din ir-relazzjoni a fol. 54 tal-process u r-ritratti esebiti a fol. 59 tal-process.

tal-*cannabis*, ossia weraq tal-haxixa u s-sustanza ta' lewn kannella, pakkett tal-karti tar-*Rizla*, tabakk u anke *rolling machine*. Jidher mir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PC 404 Paul Camilleri, illi dawn il-weraq instabu f'kontenitur fuq il-frigg, fil-waqt illi l-oggetti l-ohrajn relatati mal-uzu tal-*cannabis* instabu fuq mejda fil-fond. Imkien ma gie allegat mid-difiza jew mill-imputat illi s-sustanzi u l-oggetti misjuba, l-imputat ma kienx jaf bihom, izda mill-fatt illi dawn instabu lkoll fir-residenza tieghu, f'ambjenti differenti tad-dar, juri xort'ohra. Anzi l-oggetti misjuba jindikaw illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jaghmel uzu mill-*cannabis.*

Dwar l-elementi tal-pussess ghal fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

Dwar il-pjanta misjuba, kif diga` inghad, din instabet imhawwla fil-hamrija fil-bitha tar-residenza tal-imputat u ghaldaqstant, tenut kont ukoll tal-oggetti l-ohrajn misjuba fir-residenza tal-imputat li jindikaw uzu da parti tieghu tas-sustanza *cannabis*, m'hemmx dubbju illi l-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat tal-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* tirrizulta sodisfacentement ippruvata. L-istess irid jinghad fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik dwar il-pussess tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan kemm b'referenza ghall-pjanta li nstabet fil-bitha tar-residenza, kif ukoll tal-weraq li nstabu f'kontenitur fl-istess residenza.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ossia dik li tikkontempla l-pussess tar-raza tal-*cannabis*, jirrizulta illi fir-residenza tal-imputat instabet ukoll sustanza ta' lewn kannella li rrizultat fil-posittiv ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Din l-imputazzjoni tirreferi ghal "matul il-hames snin ta' qabel Lulju 2006". B'dan il-Qorti tifhem illi din l-imputazzjoni tirreferi ghall-perjodu bejn Gunju 2001 u Gunju 2006. Issa fid-dawl tal-fatt illi l-ewwel dehra tal-imputat f'din il-kawza sehhet fil-31 ta' Ottubru 2008, b'liema dehra – fin-nuqqas ta' prova ohra dwar l-ewwel

notifika tiegħu – huwa kien qed jagħti ruħu b'notifikat u jissottometti ruħu għall-gudizzju tal-Qorti, stante illi l-perjodu ta' preskrizzjoni dwar ir-reat in kwistjoni huwa ta' hames snin, dan ifisser illi kwalunkwe azzjoni fir-rigward tal-istess reat qabel Ottubru 2003, hija preskritta. Dwar il-perjodu bejn Ottubru 2003 u Gunju 2006, stante illi fit-2 ta' Lulju 2006, instabet is-sustanza in kwistjoni mhallta bit-tabakk, kif jghid l-espert Sammut fir-relazzjoni tieghu, u stante wkoll illi jirrizulta mill-oggetti misjuba, li fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kien jaghmel uzu mill-*cannabis*, il-Qorti tqis ppruvat, fil-grad rikjest mil-ligi, illi fit-2 ta' Lulju 2006 (li mhijiex id-data li ghaliha tirreferi din l-imputazzjoni) u fiz-zminijiet ta' qabel din id-data (liema zmien ghalhekk huwa kopert fil-perjodu bejn Ottubru 2003 u Gunju 2006), l-imputat kien fil-pussess ta' tali sustanza. Ghaldaqstant, qed tqis illi din l-imputazzjoni, in kwantu qed tigi meqjusa li tinkludi z-zmien qabel Lulju 2006 li ma jmurx oltre Ottubru 2003, giet sodisfacentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Jirrizulta, kif inghad, illi l-oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat fir-residenza tieghu jindikaw illi l-istess imputat kien jaghmel uzu mill-*cannabis* fiz-zmien in kwistjoni u in oltre ma tirrizulta l-ebda prova, lanqas remota, illi t-tkabbir tal-pjanta misjuba ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-pjanta in kwistjoni kienet wahda tassew zghira, b'tul ta' 15-il centimetru u l-piz tal-weraq (niexef) mehud minnha, minghajr l-gheruq u z-zkuk, kien biss ta' 1.02 grammi. Minn dan l-ammont, tenut kont tal-fatt illi doza ta' *cannabis* f'*joint* hija normalment ta' 0.2 grammi, setghu jinhargu mhux izjed minn hames *joints*. Tqis ukoll f'dan il-kuntest illi tant ic-cirkostanzi kollha juru li l-pjanta in kwistjoni kienet esklussivament ghall-uzu tal-imputat, illi apparti li huwa gie akkuzat bil-kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis*, gie akkuzat biss bil-pussess semplici tal-pjanta u mhux bil-pussess aggravat tal-istess.

Il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li ma gietx registrata ammissjoni f'dawn il-proceduri, kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija f'dan il-kaz, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat kif aggornata sa Novembru 2015, mil-liema fedina jirrizulta illi l-imputat instab hati ta' reati bi ksur tar-regolamenti ta' traffiku u bi ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, talli kkaguna ferita hafifa u dwar hsara volontarja, reati kontravvenzjonali, reati bi ksur tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, talli naqas milli jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud id-denunzja tat-taxxa bi ksur tal-Att XXIII tal-1998 (f'zewg okkazzjonijiet) u talli naqas milli jikkonforma mas-sentenzi moghtija lilu dwar dan l-istess ksur

(f'zewg okkazzjonijiet), reati bi ksur tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta, talli kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija, tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 208 tal-Kap. 9 (li dwaru gie kkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza u piena ta' multa) u talli zamm fil-pussess tieghu zewg armi tan-nar minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dwar dawn ir-reati, hlief ghal sentenza wahda ta' prigunerija sospiza indikata izjed 'il fuq, l-imputat dejjem gie kkundannat ghal pieni pekunjarji jew canfira/twiddiba.

Qieset ukoll il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia, ghalkemm dan jirrisali ghas-sitwazzjoni tal-imputat fis-sena 2009.[11] Minkejja li l-imputat gie deskritt fl-istess rapport bhala bniedem ta' hafna kontradizzjonijiet, u dan ghar-ragunijiet spjegati fl-istess rapport, jidher li fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kien ghadu kif issepara minn mal-ex siehba tieghu, li maghha kellu erbat itfal. Kif tajjeb innutat ukoll l-Ufficjal tal-*Probation*, dan kien l-ewwel kaz relatat mad-droga, li kellu l-imputat, u mill-fedina penali aggornata tieghu, jidher ukoll illi dan huwa l-unika wiehed. L-Ufficjal tal-*Probation* irrakkomandat illi tenut kenut tan-natura tar-reat li bih l-imputat jinsab akkuzat, fid-dawl tal-informazzjoni migbura u tac-cirkostanzi tal-kaz, l-imputat jinghata sentenza tassattiva li tkun lejn il-minimu taghha. Naturalment, stante illi l-kultivazzjoni, fiz-zmien tar-reat odjern u fiz-zmien li fih gie redatt dan ir-rapport, kienet iggib maghha, tassattivament, piena ta' prigunerija effettiva, indipendentement mill-ammont ta' pjanti involuti, hawnhekk l-Ufficjal tal-*Probation* kienet qeghda tirreferi ghal din il-piena fil-minimu taghha.

Il-Qorti tqis ukoll illi ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*".

Ghaldaqstant, fil-waqt illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87, mill-banda l-ohra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat, meta jirrizultaw ic-cirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' prigunerija ma

[11] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 27 *et seq* tal-process.

tibqax wahda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqieghed lill-hati that Ordni ta' *Probation* jew tikkundannah ghal sentenza ta' prigunerija sospiza.

Issa fil-kaz odjern, jirrizulta kif inghad illi l-pjanta in kwistjoni kienet ghall-uzu personali tal-imputat u li l-piz tal-weraq niexef tal-istess pjanta kien wiehed zghir hafna. Dwar l-applikabbilita` tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 f'dan il-kaz, il-Qorti qieset l-intenzjoni tal-legislatur meta ntroduca din id-disposizzjoni tal-ligi. Fil-fatt fl-istadju tat-tieni qari tal-abbozz tal-ligi in kwistjoni nhar id-9 ta' Dicembru 2014, l-Onor. Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Dr. Owen Bonnici, qal hekk dwar l-istess disposizzjoni:

"Kemm jekk tikkultiva zokk żgħir u kemm jekk tikkultiva siġra, xorta hemm perjodu ta' priġunerija applikabbli, u din kienet inġustizzja kbira. Jekk għandek xi ħadd li għandu pjanta żgħira jrid imur il-ħabs bilfors u wieħed li mela l-bejt irid imur il-ħabs bilfors. Hemmhekk hemm inġustizzja li ma tagħmilx sens. Aħna qed ngħidu li meta qegħdin nitkellmu fuq pjanti tal-*cannabis*, min jipproduċi kwantità żgħira għall-użu personali mhux bilfors imur il-ħabs. Jekk għandi pjanta tal-*cannabis* li qed tipproduċi ammonti żgħar li jidher ovvju li huma għall-pussess tiegħi, f'dak il-każ mhux bilfors li wieħed irid imur il-ħabs, imma jista' jmur il-ħabs u jista' ma jmurx. Inħallu f'idejn il-qrati."

Il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandha tapplika dan l-artikolu tal-ligi u tezercita d-diskrezzjoni taghha li ma tapplikax piena ta' prigunerija tassattiva.

Ghal fini ta' piena, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (1)(a) u (b), stante li dawn jirreferu ghall-istess zmien, u tenut kont illi effettivament instabu weraq tal-pjanta *cannabis* fil-pussess tal-imputat, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata numru (2), qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ukoll illi minkejja li din il-kawza tirrisali ghal Lulju tas-sena 2006, id-dewmien fil-proceduri kien attribwibbli fil-maggor parti tieghu lid-difiza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f) u 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu (b'dan illi kif inghad izjed 'il fuq, fir-rigward tal-imputazzjoni immarkata (2), dan limitatament in kwantu din

tinkludi z-zmien qabel Lulju 2006 li ma jmurx oltre l-31 ta' Ottubru 2003, ghaliex ghall-perjodu Gunju 2001 sat-30 ta' Ottubru 2003, l-azzjoni dwar it-tieni imputazzjoni hija preskritta u ghalhekk dwar dan l-ahhar perjodu l-imputat qed jigi illiberat minn kull htija u piena) u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghall-perjodu ta' hmistax-il xahar mil-lum u multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat punibbli bi prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti esebiti fl-atti relatati mal-uzu tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz ossia s-segwenti: l-ispejjez konnessi mal-inkarigu tax-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' disgha u disghin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm99.71), ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn, tnejn u tletin Euro u sitta u ghoxrin centezmu (€232.26), l-ispejjez konnessi mal-inkarigu ta' PC 404 Paul Camilleri ammontanti ghas-somma ta' tnejn u tletin Lira Maltin (Lm32) ekwivalenti ghas-somma ta' erbgha u sebghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€74.54) u l-ispejjez konnessi mal-inkarigu u r-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace ammontanti ghas-somma ta' mija, disgha u tletin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm139.10), ekwivalenti ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u ghoxrin Euro u zewg centezmi (€324.02). B'kollox ghalhekk tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€630.82), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat